# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, 3 t'April, 2001.

**Kawza Nru. 30.**

**Citazz. Nru. 1925/99 JRM**

**J. LAUTIER Co. Ltd.**

**vs**

**Eleno BEZZINA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u disgha u disghin lira maltin (Lm1099) import ta'

fornitura u konsenja ta' merkanzija konsistenti f'oggetti u materjal tal-aluminium u accessorji, liema import jinsab dovut;

Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas u twissijiet maghmula mis-socjeta' attrici lill-konvenut, din ta' l-ahhar baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u disgha u disghin lira maltin (Lm1099) import ta' fornitura u konsistenti f'oggetti u materjal tal-aluminium u accessorji, liema import jinsab dovut;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relativi kontra l-konvenut li jinsab ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna

lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u disgha u disghin lira maltin (Lm1099) import ta' fornitura u konsistenti f'oggetti u materjal tal-aluminium u accessorji, liiema import jinsab dovut, bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal- fatturi relattivi kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 t'April, 2001.**